MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2014

Numru 205/2004

Il-Pulizija

(Spettur Louise Calleja)

vs

Sandro Zammit

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 91684(m) akkuzat talli:

- fis-27 ta’ Jannar 2004 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, bhala cittadin jew residenti permanenti ta’ Malta, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indecenti ta’ persuna ta’ taht l-eta’ jew qassam jew wera’ ritratt, film, video recording jew xbieha elettronica indecenti bhal dawn jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn – bi ksur ta’ l-Artikolu 208A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Ir-reat li bih l-imputat hu akkuzat jirrisali ghas-sena 2004. Jippotizza r-reat taht l-Artikolu 208A tal-Kap 9 introdott bl-Att 111 tal-2002. L-artikolu tal-ligi in kwistjoni jolqot lil kull cittadin Malti jew persuni permanentement residenti f'Malta, indipendentement jekk ir-reat ikun sar Malta jew barra minn Malta. Fil-kaz in disamina r-reat jittratta l-pussess da parti tal-imputat ta' xbieha elettronika allegatament indecenti ta' persuni ta' taht l-eta'.

Mill-provi in atti m'ghandux ikun hemm dubbju li l-imputat fiz-zmien ta' l-allegat reat kien cittadin Malti u kellu appena ghoxrin sena. Fil-kaz tieghu m'hemm xejn li jindika li huwa gibed jew ippermetta li jingibed jew qassam jew wera' affarjiet tat-tip li bih qieghed jigi akkuzat. Il-provi huma lkoll iffokati fuq li kellu storjat fil-computer, senjatament il-hard disk tieghu, filmati u/jew ritratti ta' persuni ta' taht l-eta' li l-prosekuzzjoni tqis li kienu indecenti bi ksur tal-artikolu tal-ligi citat b'daqstant li kellu l-pussess taghom. Fil-kuntest ta' dan il-Qorti kienet hatret lill-espert fl-informatika (illum wkoll avukat) Dr Martin Bajada sabiex jittraskrivi l-imagni esistenti fuq il-'hard disk drive' tal-computer li l-pulizija kienu elevaw mir-residenza tal-imputat fil-presenza tieghu. Wara li l-imsemmi espert ivvizjona l-hard disk in kwistjoni u ha l-informazzjoni li kien kontenenti fiha, stqarr li kien hemm 12,164 immagni u 616 'video clips' li minnhom kien hemm numru konsiderevoli ta' element pornografiku fosthom b'kontenut u generu ta' pedofilja. Dwar dan, igifieri tal-kontenut li nstab relatat ma' dan il-kaz, hemm ukoll ix-xhieda ta' Pc498 mis-Cyber Crime Unit (folio 15 et seq) li esebixxa l-'hard disk' relattiva, sussegwentement esaminata mill-imsemmi espert nominat mill-Qorti. Kien l-imputat li assuma r-responsabilita' tal-'computer' u tal-kontenut li kien hemm fih, ukoll attestat mill-istqarrija li kien irilaxxja lill-pulizija, liema stqarrija rilaxxjata fi zmien meta ma kienx hemm id-dritt ta' assistenza ta' avukat, tikkorrobora dak li irrisulta in konnessjoni mal-akkuza. Rilevantissima wkoll, fil-fehma tal-Qorti, hija x-xhieda tal-Ispettur Timothy Zammit folio 118 et seq.

Ghaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, l-imputazzjoni tinsab pruvata sakemm takkuza l-imputat b'pussess ta' materjal indecenti ta' persuni ta' taht l-eta'. Rat l-Artikolu 208A tal-Kap 9. Tiddecidi li tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tqieghdu taht il-harsien ta' ufficjal tal-probation ghal

zmien tlett snin mill-lum. Tordna il-konfiska tal-'hard disk drive' esebit u tinnomina lill-espert gja nominat sabiex issir id-distruzzjoni taghha.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------